# JUM TA' ROŻI

**Ta' Stanley Mangion**

Ix-xemx kienet qiegħda tiżreġ. Kien il-ħin ta' l-għaxra, u għalhekk tistgħu taħsbu xi sħana kienet nieżla. Minn taħt siġra tal-palm kien jinstema' leħen ta' mara tgħanni. L-għanja li kienet qiegħda ttenni kienet ta' "L-Għarusa tal-Mosta". Kienet għoddha waslet fl-aħħar. Infatti kienet tgħanni l-mewt ta' din it-tfajla Mostija misruqa mill-Għarab.

Wara li spiċċat, ħadet nifs qawwi, messet idha ma' moħħha, ħarset 'il fuq u reġgħet bdiet tgħanni għanja ħafifa.

Din il-mara, jew aħjar din ix-xebba kienet Rożi, bint Karmnu. Kienet xebba twila u sabiħa. Kienet xebba twajba u mfaħħra minn nies tal-post fejn tgħammar. Illum messha tgħin lil Marija timla l-qolol ta' l-ilma. Xogħolha kien li tmexxi l-qolol tan-nies 'il quddiem. Sikwit jidhru ġejjin in-nisa, tnejn tnejn jitkellmu. Wara li jaqbdu l-qolol tagħhom mimlija jerġgħu lura lejn darhom.

Iż-żmien li qiegħed insemmi, kien żmien nieqes minn ħafna kumditaijet. Il-vitiijet kienu l-anqas għadhom ħolmu bihom. Fid-djar kont issib il-bir ta' l-ilma. Issa li s-sajf kien daħal ġmielu, l-ilma tal-bjar kien nixef u għalhekk kulħadd kellu jmur jimla l-ilma mill-bir tal-komun li kien hemm fil-pjazza. Billi kien ikun hemm ħafna nies, kienu jħallu l-qolol f'ringiela wara xulxin, u kienu jħallu waħda biex tmexxihom u xi tnejn oħra biex jimlew. Wara imbagħad kienu jiġu għalihom.

Dan kien ix-xogħol li kienet qiegħda tagħmel Rożi. Forsi hu ftit antipatiku, iżda mid-dehra ma tantx iddejqet. Xorta waħda baqgħet tgħanni biex hekk iż-żmien igħaddi malajr.

Dan it-taqsim tax-xogħol kien isir hekk biex jiffrankaw ħafna żmien. Jekk wieħed imur dawra mar-raħal jara li f'dak il-ħin, in-nisa minflok qagħdu jaħlu żmienhom laħqu għamlu x-xogħol tad-dar jew xi xogħol ieħor. Franġiska lestiet il-ħasla. Paċika marret ġabret ftit għeruq tas-silla għall-fniek waqt li Marija qalgħet xi sold għax marret tgħin lil Ninu fir-raba'.

Il-ħin igħaddi. Jekk wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn l-arloġġ tax-xemx li kien jinsab faċċata, jara li qed jimmarka nofs in-nhar. Il-qolol waslu biex jispiċċaw ukoll. Bħal issa qed joqorbu żewġ nisa li mid-dehra se jġorru l-aħħar żewġ qolol.

Rożi tmattret waħda kbira waqt li tenniet il-kelmiet "Għall-Erwieħ", tbissmet, sellmet lil ta' ħdejha li spiċċat timla u marret qajl qajl lejn darha.

Hekk għaddiet dan in-nofs ta' nhar sajfi. Wara li kielet, telgħet fuq, inxteħtet fuq is-sodda u wara ftit sekondi ntilfet f'nagħsa ħelwa. Tistgħu taħsbu kif ħadet ir-ruħ din l-imsejkna xebba wara dan ix-xogħol

kollu ta' filgħodu. Il-ħin malajr wasal biex Rożi terġa' tqum u tkompli n-nofs ta' nhar l-ieħor tal-jum. Ħadet belgħa kafe' u telqet tiġri b'dak il-pass ħafif ta' xebba żagħżugħa lejn ir-razzett li kien il-Biżbiżji. Hemm sqat il-bhejjem għatxana u imbagħad bdiet tħejji l-għalf ta' filgħaxija.

Waqt li bdiet tqatta' s-silla fuq ir-ronka ,din ix-xbejba raħlija bdiet tgħanni. Dan l-għana sabiħ u ħelu li wirtet mingħand ommha u missierha kien il-mezz waħdieni biex iż-żmien tarah qasir u ttaffi l-għejja li jġib miegħu x-xogħol tar-raba'.

Damet tqatta' ħafna għalf għax kellhom ħafna bhejjem. Sadattant ix-xemx bdiet nieżla. Il-kulur tbiddel f'aħmar u x-xemx saret qisha ballun tan-nar. Il ħmura bdiet tinfirex fuq l-għoljiet ta' madwar ir-razzett u f'dik il-ħemda kbira kont tistħajlek qiegħed fil-ġenna ta 'l-art. Xena li tnissel għaxqa, hena u paċi. Rożi fl-aħħar spiċċat ukoll mix-xogħol ta' l-għalf. Missierha kien reġa' lura mill-għalqa. Sadattant missierha kien qiegħed jirranġa il-biegħa, Rożi għaddet il bajd u qegħditu fil-bixkilla. Mill-bogħod kien jinstema' leħen ta' qanpiena. Kienet qiegħda ddoqq l-Ave Marija. Missier Rożi neħħa l-beritta u beda jtenni bil-qalb is-Sliema għal tliet darbiet. Id-daqq ta' l'Ave Marija kien ifisser li l-ħin kien sar biex joqorbu lejn id-dar. Rożi rikbet fuq il-karettun. Missierha niggeż l-bagħal u dan beda miexi bit-tlikki t-tlikki lejn id-dar. Kultant missierha kien igħanni xi għanja ċajtiera biex it-triq tiqsar.

Din kienet l-storja ta' waħda mill-jiem ta' Rożi. Għalina din tidher stramba u forsi xi ftit kbira. Iżda din kienet il-ħajja sempliċi u għalenija li minnha għaddiet.